# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 173/2019 MH**

**Illum, 27 ta' Novembru, 2019**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Gregory Mifsud (Karta ta' l-Identita' Numru 436683M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Bank attur** tal-21 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu espona:

1. *"Illi fit-12 ta' April, 2012, il-Bank attur ta faċilitajiet bankarji lill-konvenut Gregory Mifsud konsistenti f'Advanced Credit Card account (Kont numru 4035710035959530, illum 078-114634-340) u dan kif jirriżulta mill-ftehim anness bħala Dok. A;*

2. *Illi l-konvenut iddebita dan il-kont fis-somma ta' erbat elef, ħames mija u żewġ ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€4,502.58) u sussegwentement għamel biss żewġ depositi fl-istess kont li bihom inqata' biss parti żgħira mill-imgħax akkumulat, kif jirriżulta mill-istatement anness bħala Dok. B;*

3. *Illi fuq dan il-kont il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' ħamest elef, tmin mija u sitta ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,806.44), dovuta in kwantu għal erbat elef, ħames mija u żewġ ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€4,502.58) bħala bilanċ mill-kapital, u r-rimanenti elf, tlett mija u tliet ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€1,303.86) bħala imgħax ikkalkulat sat- 8 ta' Jannar 2019 (Dok. B), oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-9 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi fis-7 ta' Mejju 2013, il-Bank attur ta wkoll faċilitajiet bankarji oħra lill-konvenut konsistenti fi flexicredit loan (Kont numru 078-114634-302) fl-ammont ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500.00) u dan kif jirriżulta mill-ftehim anness bħala Dok. C;*

5. *Illi fuq dan il-kont il-konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' erbat elef, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€4,976.89) dovuta in kwantu għal erbat elef u ħamsin ewro, u dsatax-il ċenteżmu (€4,050.19) bħala bilanċ mill-kapital u in kwantu għar-rimanenti disa' mija u sitta u għoxrin ewro u sebgħin ċenteżmu (€926.70) bħala imgħax ikkalkulat sat- 8 ta' Jannar 2019, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-9 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, u dan kif jirriżulta mill-istatement anness bħala Dok. D;*

6. *Illi inoltre, il-konvenut ġie mogħti faċilitajiet bankarji oħra mill-Bank attur fit- 12 ta' Marzu, 2013 konsistenti fi flexicredit loan ieħor (Kont numru 087-148649-300) fl-ammont ta' erbatax il-elf u sitt mitt ewro (€14,600.00), kif jirriżulta mill-ftehim anness bħala Dok E;*

7. *Illi fuq dan il-kont, il-konvenut huwa debitur tal-Bank attur, fis-somma ta' sittax-il elf u tnejn u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€16,092.46) dovuta in kwantu għal tlettax-il elf, tlett mija u ħamsa u tletin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€13,335.88) bħala bilanċ mill-kapital u in kwantu għar-rimanenti elfejn, seba' mija u sitta u ħamsin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€2,756.58) bħala imgħax ikkalkulat sat-8 ta' Jannar 2019, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-9 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, u dan kif jirriżulta mill-istatement anness bħala Dok.F;*

8. *Illi għalhekk il-konvenut huwa debitur tal-bank attur fis-somma globali ta' sitta u għoxrin elf, tmin mija u ħamsa u sebgħin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€26,875.79) oltre l-imgħax ulterjuri kif spjegat;*

9. *Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-ammonti fuq indikati permezz ta' ittra uffiċjali datata 14 ta' Lulju 2016 (Ittra numru 3587/14) (Dok. G) kif ukoll permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 2016 (Dok. H), baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara, previa kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, li l-konvenut Gregory Mifsud huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' sitta u għoxrin elf, tmin mija u ħamsa u sebgħin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€26,875.79) dovuta fuq it-tlett kontijiet kif fuq spjegat;*

*(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' sitta u għoxrin elf, tmien mija u sebgħa u ħamsin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€26,875.49) kif ukoll l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapitali fuq imsemmija mid-9 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 14 ta' Lulju 2016 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat fl-istess ismijiet premessi, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

**Rat illi l-konvenut, debitament notifikat bl-atti tal-kawża[1], ma ntavola ebda risposta entro t-terminu stipulat mill-liġi u għalhekk huwa kontumaċi.**

Rat il-provi mressqa mill-Bank attur.

Rat illi ll-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza in difett t'ostakolo.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol 36

Il-Bank attur kien ikkonċeda facilitajiet bankarji lill-konvenut fuq medda ta' żmien, iżda skont l-istess Bank, għajr għall-ħlas ta' parti żgħira mis-somma dovuta, l-istess konvenut naqas milli jħallas il-bqija tas-somma minnu dovuta u dan minkejja d-debita nterpellazzjoni li saritlu. Għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.

Xehdet bil-mezz tal-affidavit **Audrey Harmon, impjegata mal-bank attur bħala *Recovery Collector Officer***[2]. Hija tat rendikont dettaljat tal-faċilitajiet bankarji konċessi lill-konvenut, xi ripagamenti li saru minnu u l-bilanċ rimanenti dovut lill-Bank attur. Hija esibiet ukoll id-dokumenti relattivi li jissostanzjaw ix-xhieda tagħha.

Sussegwentement kien xehed rappreżentant ieħor tal-Bank, **Dr Ralph Agius Fernandez**[3] li spjega li minn dak iż-żmien li ġiet ippreżentata l-kawża, l-konvenut għamel tlett pagamenti tnejn ta' €100 il-wieħed u ieħor ta' €200 fuq tlett kontijiet li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawża. Fuq kont numru 078114634302, sar pagament ta' €100 fis-7 ta' Mejju 2019, u allura hemm dovut in kwantu għal kapital is-somma ta' €4050.19 u għal imgħaxijiet is-somma ta' €949.10. Sar pagament ieħor ta' €100 ukoll fl-istess data fuq kont numru 078114634340, u allura hemm dovut in kwantu għal kapital illum is-somma ta' €4502.58 u inkwantu imgħaxijiet is-somma ta' €1339.94 u sar pagament ta' €200 fil-kont numru 087048649300, u allura hemm dovut in kwantu għal kapital is-somma ta' €13,335.88 u imgħaxijiet €2959.62.

Saret ukoll **Nota ta' Riduzzjoni mill-Bank attur** in vista ta' dawn il-pagamenti[4].

[2] Fol 39 et seq
[3] Fol 68
[4] Fol 70

Il-Qorti wara li rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha mressqa mill-Bank attur issib li t-talba għall-ħlas tas-somom mitluba kif hekk ridotta hija ġustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank attur hekk kif ridotti fil-*quantum* wara xi ħlasijiet li saru mill-konvenut; bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**